MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 561/2001/1

**Alf Mizzi & Sons [Marketing] Limited**
**vs**
**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk: Peress illi s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut merkanzija; peress illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal sebat elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM7325.00); peress illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fl-imsemmija somma ta' sebat elef tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm7325.00); peress illi ghalkemm interpellat sabiex tissalda dan id-debitu, l-konvenut baqa' inadempjenti; peress illi, dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma

fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici il-konvenut m’ghandhux eccezzjonijiet x’jaghti.

Talbu il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tikkundanna il-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta’ sebat elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM7325.00);
2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Dottor Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni prezentata mis-socjeta’ attrici fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha rriduciet l-ammont pretiz ghas-somma ta’ Lm4,876;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni ulterjuri prezentata mis-socjeta’ attrici fl-udjenza tal-24 ta’ Frar 2004, permezz ta’ liema rriduciet l-ammont pretiz ghas-somma ta’ Lm3,884;

Rat in-nota ta’ cessjoni prezentata mill-istess socjeta’ fl-istess udjenza permezz ta’ liema cediet “l-ispejjez gudizzjarji stante pagament fil-mori”;

Billi t-talbiet attrici hija gustifikata ghall-ammont ta’ Lm3,884, din ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ tlett elef tmien mija erba u tmenin lira maltin [Lm3,884], u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lis-socjeta’ attrici, flimkien mal-imghax legali kif mitlub.

Rigward l-ispejjez, mhux il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha, in vista tan-nota ta’ cessjoni fuq indikata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------